# NINU CREMONA

ta' Ġużè Chetcuti

L-AHHAR li kellimt lil Ninu Cremona kien fuq it-telephone ftit xhur qabel ma miet. Bdejt inkellmu imma ntbaħt mill-mod kif beda jwieġeb illi ma kienx qiegħed jifhimni għal kollox. Domna nitkellmu xi għoxrin minuta imma tul dak il-ħin kollu ma mexxilix inkun naf minn għandu dak li xtaqt. Dak kien l-aħħar kuntatt li jien kelli ma' Ninu Cremona tul l-erbgħin sena sħaħ li konna nafu lil xulxin. U meta ftit ġranet wara ġew għandi d-dar Karmen Mikallef-Buħaġar u Ġużè Cardona u qed ngħidilhom b'dik it-taħdita li jien kelli ma' Ninu fuq it-telephone, Karmen Mikallef-Buħaġar, niftakar, kemmxet xufftejha u donnha riedet tagħtini x'nifhem li kienet ħasbet kif kont ħsibt jien, li t-tmiem ta' Ninu Cremona ma kienx 'il bogħod. F'inqas minn tliet xhur wara waslet l-aħbar tal-mewt tiegħu. Smajtha minn fuq ir-Rediffusion. Kont għand dentista, il-Belt, u bqajt miblugħ, ħassejt bħal għafsa f'qalbi. Mhux għax il-mewt tiegħu wieħed ma kienx qed jistennieha minn ħin għal ieħor: l-età kbira u sabiħa tiegħu kienet turi biżżejjed li żmienu kien ġa għamlu; imma għaliex lil Ninu Cremona jien kont nisthajjlu żagħżugħ ta' dejjem, donnu sena wara l-oħra kien qed jisfida l-mewt. Tul dawk is-snin kollha li kont nafu ma naf qatt li semma xi wġigħ, u moħħu kien dejjem ċar u frisk. Kien jirrakkonta ġrajjiet ta' snin ilu, ta' meta kien għadu żagħżugħ, qishom dawk il-ġrajjiet ġraw il-bieraħ.

Il-mewt tiegħu ħasditni. Dak il-ħin li smajt l-aħbar ħsiebi mar lura fis-snin u ftakart meta sirt nafu l-ewwel darba. Kont għadni tfajjel ta' sittax jew sbatax-il sena inħarbex xi poeżija fil-"Pronostku" u qalbi kienet ġa nġibdet ħafna lejn il-Malti u bdejt inħoss bħal sens qawwi ta' mħabba u ammirazzjoni lejn kull min kien jikteb bil-Malti. Bdew dak iż-żmien ifiġġu quddiemi l-ismijiet ta' kittieba tal-Malti bħal Dun Karm, Ġużè Bonnici, Rużar Briffa, Pisani, Aquilina, F.S. Caruana, Vassallo, Saydon u Cremona, u wieħed wieħed sirt nafhom kollha. Minn ta' l-ewwel fost dawn il-kittieba sirt naf lil Ninu Cremona. Kien bis-saħħa tal-Professur Ġużè Aquilina li dak iż-żmien kien għadu student l-Università. Niftakar, jien u Aquilina konna niltaqgħu ta' kuljum u mmorru nduru xi dawra nitħaddtu fuq xi kitba bil-Malti li konna nkunu għadna kemm għamilna. Kien f'waħda minn dawn il-laqgħat li Aquilina laqqagħni ma' Cremona. Dan kien ma' l-erbgħin sena ilu: Cremona kien ġa beda dieħel fiż-żmien, jien

u Aquilina konna għadna fuq l-għatba taż-żgħużija. Dik il-ħbiberija ma ntemmet qatt, anzi aktar issaħħet maż-żmien. Konna niltaqgħu ta' sikwit jew ix-Xgħajra, Bormla, inkella d-dar fejn kien joqgħod Aquilina wara l-knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu. Għalija Cremona matul dawk is-snin kollha, medda ta' erbgħin sena, qisu ma tbiddel xejn: kif kont nafu fl-ewwel żmien baqa' xorta sa ma rajtu l-aħħar darba qabel ma nġabar fl-aħħar sentejn ta' ħajtu u mar joqgħod Għawdex.

Għawdex għal Cremona kellu seħer kbir. L-hena tiegħu meta kien imur iqatta' xi jumejn hemmhekk, ġo Marsalforn fejn kellu post villeġġatura. U dan is-seħer Cremona jfissru f'sunett li hu kiteb lil Għawdex: din il-gżira ta' qalbu jistħajjilha bħal omm li tilqa' ġo ħdanha lil binha msiefer u toqgħod ferħana tkellmu u tfakkru fil-widien u t-tliegħi ħodor tal-għoljiet, fil-Kastell u fil-Knisja ta' Pinu. Hemm ġo Għawdex Cremona qatta' l-aħħar sentejn ta' ħajtu u donnha x-xorti laqgħet lil xewqtu, għax hemm Cremona ndifen. Il-mewt għalih kienet qisha l-aħħar tħaddina ta' l-omm ma' l-iben.

Cremona għex ħajja attiva. Ħadem sħiħ, u l-iskop tiegħu minn dejjem kien wieħed: it-tagħlim u t-tixrid ta' l-ilsien Malti u tal-letteratura Maltija. Mess ma' diversi oqsma tal-letteratura u fihom kollha ħalla l-marka tiegħu, f'uħud minnhom iżjed minn f'oħrajn. Ngħidu aħna, bħala grammatiku l-influenza tiegħu tinħass wisq aktar milli bħala poeta. Imma fil-ħidma tiegħu kollha, proża, poeżija, bijografija, folklore, drammi, narrativa, grammatika, f'kollox hemm x'tinnota, x'tapprezza u xi tfaħħar. U dan ix-xogħol tiegħu kien rikonoxxut mill-Università tagħna meta fl-4 ta' Ġunju tas-sena 1960 ħatritu Duttur fil-Letteratura u żejnitu, kif kien jixraqlu, bit-titlu ta' D.Lit. (Honoris Causa). Ġieħ ieħor kiseb Cremona meta fl-4 ta' Awwissu, 1947, mess lilu wara Dun Karm li jingħata l-medalja "Ġużè Muscat Azzopardi". Fi kliem il-gvernatur ta' dak iż-żmien, F.C.R. Douglas li ppreżentalu l-medalja tad-deheb, "is-sur Nin Cremona mhux biss huwa kittieb tajjeb, sew fil-proża kemm fil-poeżija u fl-arti drammatika, iżda wkoll kellu sehem kbir fix-xogħol tas-sistemazzjoni ta' l-ortografija u grammatika tal-lsien Malti; dawn huma ħwejjeġ ta' fejda u indispensabbli".

Imma Cremona l-lum ma għadux iżjed magħna. B'danakollu x-xbieha tiegħu jien ma ninsieha qatt, tibqa' dejjem ċara quddiemi, ix-xbieha ta' bniedem li qalbu kienet tidher fit-tbissima ħafifa ta' għajnejh, qalb tajba, sinċiera, ferrieħa, qalb li taf tħobb u taf tinsa u taħfer lil kull min jagħmlilha xi ħtija.

Fl-istorja tal-lsien Malti u tal-letteratura Maltija Cremona ma jmut qatt.